HAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

**Minuti tal-461 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar it-Tnejn 21 ta' Marzu 2016**

Il-laqgħa bdiet fis-6.05 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius, is-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur John J Pace, is-Sur Brian Spiteri, is-Sinjura Anna Calleja, is-Sur Joseph Vella, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Joseph Bonniċi.

Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-6.10 ta' filgħaxija.

Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) daħal għal-laqgħa fis-6.15 ta' filgħaxija.

Item 2 – Approvazzjoni tal-minuti

Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonniċi li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fl-ewwel paragrafu ta' paġna 365 u minflok il-kliem 'is-Sur Marc Vella Bonnici' jidħol il-kliem 'is-Sindku'.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonniċi li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fir-raba' paragrafu ta' paġna 365 u minflok il-kliem 'l-Masġar taż-Żebbuġ kien ser jingħalaq' jidħol il-kliem 'l-Masġar taż-Żebbuġ jiġi mdawwar b'ħajt'.

Fis-6.10 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

Il-minuti tal-460 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

Item 3 - Punti li joħorġu mill-minuti

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi l-*bus shelter* ta' Triq il-Mina ta' Hompesch li hemm fil-viċinanzi tal-*Housing Estate* kien għadu ma jixgħelx.

Fis-6.15 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Agius (is-Sway) daħal għal-laqgħa.

Is-Sur Joseph Bonnici reġa' semma l-bżonn li jsir *refresh* taż-*zebra crossing* fi Triq l-10 ta' Settembru.

Is-Sur Joseph Bonnici staqsa f'hix waslet l-applikazzjoni tal-Iskema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet sabiex il-Kunsill jerġa' jibda jorganizza attivitajiet sportivi. Is-Segretarju qal illi l-Kunsill kien għadu qed jistenna l-approvazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar din l-iskema.

<u>Item 4 - Qari tal-Minuti tas-Sotto-Kumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto-Kumitati.

<u>Item 5 - Approvazzjoni tal-minuti tal-Kumitat Amministrattiv St Peter</u>

Ma kienx hemm minuti tal-Kumitat Amministrattiv St Peter.

<u>Item 6 - Pjan ta' Ħidma 2016-2018</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2016 - 2018. Dan il-Pjan ta' Ħidma ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonniċi.

<u>Aġġustament u Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2015</u>

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonniċi, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Statements* għas-sena 2015 kif emendati.

<u>Item 7 - Ingaġġ ta' Skrivan/a – Skala 15 (*back-to-back*)</u>

Is-Segretarju ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta Skrivan/a – Skala 15 (*back-to-back*). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu s-Sinjura Charmaine Camilleri hija l-aktar kandidata addattata għal din il-kariga. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi mpjegata s-Sinjura Charmaine Camilleri mal-Kunsill bħala Skrivan/a - (Skala 15).

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li f'każ li s-Sinjura Charmaine Camilleri tirrifjuta l-kariga ta' Skrivan/a – Skala 15 (*back-to-back*), l-offerta ta' mpjieg issir lill-applikanti li jmiss skont l-ordni tal-mertu.

Is-Sur Joseph Buttigieg iddikjara l-kunflitt ta' nteress tiegħu dwar l-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13 mal-Kunsill u qal li l-unika applikanta hija prima kuġina tiegħu. Għalhekk talab li ma jkun bl-ebda mod involut fil-proċess tal-ingaġġ tal-għażla għall-

ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv fi Skala 13. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Brian Spiteri jinħatar bħala membru fil-Bord tal-Għażla minflok is-Sur Joseph Buttigieg li kien qed jirreżenja mill-Bord.

Item 8 - Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-*Ombudsman* dwar inċident li allegatament kellu Dr Joseph Cassar Delia fi Triq Hompesch, Ħaż-Żabbar. Dr Cassar Delia talab kumpens ta' €100.00 mingħand il-Kunsill għall-ħsara li għamel fil-vettura tiegħu meta kien qiegħed isuq fi Triq Hompesch. L-*Ombudsman* irrakomanda li l-Kunsill iħallas l-ammont ta' €100 lil Dr Cassar Delia għall-ħsarat li sofra wara li għadda minn triq li kellha tkun mantenuta mill-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-*Ombudsman* mingħajr ma jinħoloq preċedent għal sitwazzjonijiet simili fil-futur.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mingħand is-Sur Pio Farrugia, Assistent Direttur fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward rapport li sar mill-*Grievances Unit* dwar il-*performance bonus* li ngħatat l-impjegata tal-Kunsill is-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto fis-sena 2013. Fl-opinjoni tal-*Grievances Unit,* l-impjegata sofriet inġustizzja meta wara li obdiet ordni tad-Direttur tal-Kunsilli Lokali biex tmur temporanjament fil-Kunsill Lokali tal-Birgu ingħatat 3% tal-performance *bonus* minflok 6% għall-perjodu mill-1 ta' Jannar – 16 ta' Lulju 2013. Il-*Grievances Unit* ikkonkluda li s-Sinjura Testaferrata de Noto għandha tingħata is-somma ta' €294.28. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jinforma lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li ma kienx qed jaqbel mad-deċiżjoni tal-*Grievances Unit* peress illi l-Kunsill kien ta 3% tal-*performance bonus* lill-impjegata għax fl-opinjoni tiegħu l-impjegata kien jistħoqqila *performance bonus ta' 3%* għall-*performance* tagħha fil-perjodu ta' bejn 1 ta' Jannar – 16 ta' Lulju 2013 u mhux minnu li ngħatat 3% għax is-Sinjura Testaferrata de Noto marret taħdem il-Kunsill Lokali tal-Birgu. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jitlob sabiex id-deċiżjoni tal-*Grievances Unit* tiġi revokata.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kap tal-MiddleSchool ta' Bormla fi ħdan il-Kulleġġ Santa Margerita u talbet sabiex il-Kunsill joffri xi ktieb jew kotba sabiex jingħataw lill-istudent/a magħżula dakinhar ta' Jum iċ-Ċelebrazzjoni. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech, il-Kunsillier responsabbli mis-Sotto-Kumitat tal-Edukazzjoni, jippreżenta kopja tal-ktieb *Zabbar A Living History* f'Jum iċ-Ċelebrazzjoni lill-istudent/a.

Item 9 – Skeda tal-Pagamenti

Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Marzu 2016 u l-21 ta' Marzu 2016 li kienet tammonta għal €39,315.02.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li peress illi l-kuntratt mal-kumpanija għat-telefonija ċellulari tal-Kunsill kien skada, il-kumpanija Vodafone kienet qiegħda toffri kuntratt ta' servizz għall-ħlas ta' €50 fix-xahar. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill iżomm il-kuntratt mal-kumpanija Vodafone.

Item 10 - Ħatra ta' Ambaxxatur /Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jaħtar lis-Sur Matthew Vassallo biex ikun l-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ wara li s-Sinjorina Katrin Busuttil kienet għalqet it-tmintax il-sena.

Item 11 - Komunikazzjoni mis-Sindku u Kunsillieri

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-attività *Zabbar Autofest* flimkien mal-Kummissjoni Żgħażagħ fi ħdan is-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-ispiża tal-Kunsill għal din l-attività ma taqbiżx l-€2,000.

Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu mas-Sur Gordon Pace flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, ġiet diskussa l-possibilità li tinħoloq *facebook page* tal-Kunsill sabiex il-pubbliku jiġi nfurmat dwar ix-xogħol li jkun qed jitwettaq fil-lokalità ta' Ħaż-Żabbar. Għal dan is-servizz is-Sur Pace kien qiegħed jitlob il-ħlas annwali ta' €1,164. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li tinħoloq *facebook page* tal-Kunsill u li s-Sur Gordon Pace jieħu ħsieb din il-paġna għall-ħlas mitlub. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jkunu l-amministraturi ta' din il-paġna. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li l-kummenti tal-pubbliku ma jiġux ippubblikati fuq il-paġna tal-*facebook*. Is-Sindku qal illi huwa kien ser jibqa' amministratur tal-paġna tal-*facebook* sat-terminu tal-leġislatura.

Fis-6.55 ta' filgħaxija s-Sur John J Pace talab li jkun skużat minħabba xogħol tal-Kunsill.

Is-Sindku qal illi waqt li kien qed isir ix-xogħol fil-bandli nħasset il-ħtieġa li jiżdiedu l-faċilitajiet fil-*playing field* u li fil-proġett jiġu nkorporati funtana, *reservoir*, injam mat-tarag tat-Teatru Grieg, bankijiet u jsir xogħol ta' manutenzjoni fil-latrini pubbliċi biex dawn jingħataw dehra ġdida u jkunu aċċessibli għall-persuni bi bżonnijiet speċjali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa għall-offerti b'urġenza sabiex jsir dan ix-xogħol fil-bandli. Minħabba l-urġenza tax-xogħol li jrid isir is-sejħa pubblika m'għandhiex iddum aktar minn għaxart ijiem.

Is-Sur Mark Grech semma l-possibilità li fis-sejħa għall-offerti jiġi nkluż ukoll xogħol ta' manutenzjoni fil-latrini pubbliċi li hemm maġenb l-għassa.

Is-Sindku qal illi kien sar u ser ikompli jsir xogħol fit-Teatru Grieg mill-ħaddiema tad-Dipartiment għax-Xogħlijiet u dan mingħajr spejjeż għall-Kunsill.

Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) talab li jinżabru s-siġar li hemm fil-bandli.

Is-Sindku ppropona li wara li jitlesta l-proġett tal-bandli jitqassam *flyer* u jintbgħat f'kull dar f'Ħaż-Żabbar. F'dan il-*flyer* il-Kunsill jinforma lir-residenti dwar ix-xogħol li sar u li qed isir f'Ħaż-Żabbar. Is-Sur Spiteri ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi matul ix-xahar ta' Mejju kien ser jinbeda xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Kunvent mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku qal ukoll illi x-xogħol kien ser jitqassam fi tliet fażijiet; fl-ewwel fażi kien ser isir xogħol ta' *resurfacing* minn Triq Tumas Dingli 'l isfel, fit-tieni fażi kien ser isir xogħol ta' *resurfacing* minn Triq Hompesch il' isfel u fit-tielet fażi kien ser isir xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq iċ-Ċawsli.

Is-Sindku qal illi Transport Malta talbet lill-Kunsill sabiex jindika jekk hemmx bżonn li jsiru xogħlijiet fi Triq il-Kunvent qabel isir ix-xogħol tar-*resurfacing*.

Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) talab li ssir *zebra crossing* fi Triq il-Kunvent fil-viċinanzi ta' Triq il-Karmnu.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li ssir *zebra crossing* fi Triq il-Kunvent fil-viċinanzi ta' Triq il-Qalb Imqadda u Triq San Lawrenz.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet li ssir *zebra crossing* fi Triq il-Kunvent fil-viċinanzi ta' Triq Felice.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jsiru *culverts* għall-ilma tax-xita fi Triq il-Kunvent ma' Triq il-Karmnu.

Is-Sur Mark Grech ressaq stima mingħand is-Sur Noel Pace li tammonta għal €265 sabiex isiru *captions* bl-ingliż tad-dokumentarju fuq CD li ntuża fl-attività li fakkret l-erbgħin sena mill-waqa' tal-ajruplan Vulcan f'Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li tinġieb stima oħra qabel tittieħed deċiżjoni finali.

Is-Sur Mark Grech semma l-ħtieġa li jinbeda x-xogħol ta' manutenzjoni fil-bandli tal-*Housing Estate* Ġnien Tamara Psaila. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi x-xogħol jista' jinbeda meta jinħareġ il-*compliance certificate* mill-MEPA.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex tiġi rranġata l-bankina fi Triq Strickland.

Is-Sinjura Anna Calleja reġgħet semmiet il-ħtieġa li ssir *road hump* fi Triq iż-Żingla minħabba li kien qed isir sewqan eċċessiv. Is-Sinjura Calleja talbet li tintbgħat ittra lir-

residenti ta' Triq iż-Żingla u li jintalab il-permess tar-residenti sabiex issir *road hump* quddiem ir-residenza tagħhom.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li ssir bozza ġdida quddiem ir-residenza *St Joseph* fi Triq il-Kapuċċini peress illi t-triq hija mudlama ħafna.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex issir *road hump* quddiem ir-residenza 181 fi Triq ix-Xgħajra.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex isir *refresh* tal-*yellow lines* fi Triq il-Kapuċċini.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab wkoll sabiex isir xogħol ta' *patching* quddiem ir-residenza numru 5 fi Triq id-Dliela biex tittaffa l-problema ta' għargħar tal-ilma tax-xita.

Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill li fil-21 t' April kienet ser issir attività għall-anzjani.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex tinqala' is-siġra li hemm imħawwla fil-viċinanzi tal-*pelican lights* fi Triq tal-Labour peress illi din kienet qed tgħatti id-dawl tal-*pelican lights*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien irċieva talba minn residenti sabiex jiġu mressqa l-*bring in sites* li hemm fi Triq tal-Labour.

Is-Sur Joseph Vella qal illi l-Kunsill kien irċieva talba sabiex issir *road hump* fi Triq Bieb is-Sultan peress illi kien qed isir sewqan eċċessiv.

Is-Sur Joseph Vella talab sabiex isiru s-sinjali tat-traffiku fi Triq ix-Xgħajra issa li kien tlesta x-xogħol ta' manutenzjoni.

Il-Sur Joseph Vella talab li ssir *zebra crossing* fil-viċinanzi tal-flats li hemm maġenb il-*Bonta Confectionery*.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.40 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-462 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 18 ta' April 2016.

Marc Vella Bonnici
Sindku